

Brussell, 25 ta' Marzu 2024
(OR. en)

7710/24
PV CONS 12
SOC 206
EMPL 114
SAN 158
CONSOM 103

ABBOZZ TA' MINUTI
KUNSILL¹ TAL-UNJONI EWROPEA
(Impjiegi, Politika Soċjali, Saħħa u Affarijiet tal-Konsumatur)
11 ta' Marzu 2024

¹ Fit-12 ta' Marzu 2024 il-ministri responsabbli għall-impjiegi u l-affarijiet soċjali attendew il-Kunsill Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji u pparteċipaw fid-dibattitu ta' orjentazzjoni dwar l-investiment soċjali u r-riformi għal ekonomiji reżiljenti.

1. Adozzjoni tal-aġenda

Il-Kunsill adotta l-aġenda li tinsab fid-dokument 7159/24.

2. Approvazzjoni tal-punti "A"

(a) Lista mhux leġislattiva

7406/24

Il-Kunsill adotta l-punti "A" kollha elenkati fid-dokument imsemmi hawn fuq, inkluż id-dokumenti COR u REV lingwistiċi kollha ppreżentati għall-adozzjoni.

(b) Lista leġislattiva (deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

7409/24

Affarijiet Ġenerali

Regolament dwar it-trasparenza u l-immirar tar-reklamar politiku



6962/1/24 REV 1
PE-CONS 90/23
AG

Adozzjoni tal-att leġislattiv

approvat mill-Coreper, Parti 2, fis-6 ta' Marzu 2024

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att proposit għe adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, bl-Unġerija tivvota kontra u l-Estonja u l-Awstrija jastjenu (bażi legali: l-Artikoli 16 u 114 TFUE).

Deliberazzjonijiet leġislattivi

(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

3. Direttiva dwar it-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol fix-xogħol fuq il-pjattaformi



7212/24 + ADD 1

Analiżi tat-test ta' kompromess finali bil-ħsieb ta' qbil

Il-Kunsill analizza l-qbil proviżorju li ntlaħaq mal-Parlament Ewropew fit-8 ta' Frar 2024 kif jinsab fid-dokument imsemmi hawn fuq u qabel miegħu.

Id-dikjarazzjonijiet mill-Awstrija u Spanja jinsabu fl-Anness ta' dawn il-minuti.

Attivitajiet mhux leġislattivi

4. Semestru Ewropew 2024



a) **Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi 2024**

Adozzjoni

6073/24

+ REV 2 (lv)

Il-Kunsill adotta r-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi 2024, kif jinsab fid-dokument imsemmi hawn fuq.

b) **Konklużjonijiet dwar l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir Sostenibbli u r-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi għall-2024**

Approvazzjoni

6791/1/24 REV 1

+ REV 1 COR 1

+ REV 2 (fi)

Il-Kunsill approva l-Konklużjonijiet dwar l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir Sostenibbli u r-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi għall-2024, kif jinsabu fid-dokument imsemmi hawn fuq.

Dikjarazzjoni mill-Ungerija tinsab fl-Anness ta' dawn il-minuti.

5. **Il-prijoritajiet futuri tal-politika tal-Unjoni dwar il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali: Opinjonijiet tal-Kumitat tal-Impjiegi u tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali**

Approvazzjoni



7005/24 + COR 1

Il-Kunsill approva l-Opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi u tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali dwar il-prijoritajiet futuri tal-politika tal-Unjoni dwar il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, kif tinsab fid-dokument imsemmi hawn fuq.

6. **L-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali fil-kuntest tas-Semestru Ewropew u l-aġenda soċjali futura**

Dibattitu ta' orjentazzjoni



6835/24

Il-Kunsill kellu dibattitu ta' orjentazzjoni dwar "L-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali fil-kuntest tas-Semestru Ewropew u l-aġenda soċjali futura", abbażi ta' nota ta' gwida mill-Presidenza kif tinsab fid-dokument imsemmi hawn fuq.

7. **Rieżami mill-EMCO tal-implimentazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ – Messaġġi ewlenin**

Approvazzjoni



6831/24 + ADD 1-2

Il-Kunsill approva l-messaġġi ewlenin dwar ir-rieżami mill-Kumitat tal-Impjiegi tal-implimentazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ, kif jinsabu fid-dokument imsemmi hawn fuq.

Affarijiet oħra

8. a) **Investimenti soċjali u riformi għal ekonomiji reżiljenti**  7114/24
Informazzjoni mill-Presidenza

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza dwar l-investimenti soċjali u riformi għal ekonomiji reżiljenti.

- b) **Avvenimenti tal-Presidenza**  6999/24
(i) **Laqgħa informali tal-Ministri għall-Impjiegi u l-Politika Soċjali (Namur, 11 u 12 ta' Jannar 2024)**
(ii) **Konferenzi ta' livell għoli**
Informazzjoni mill-Presidenza

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza dwar l-avvenimenti tal-Presidenza.

- c) **Summit tas-Sħab Soċjali (Val Duchesse, 31 ta' Jannar 2024)**  7117/24
Informazzjoni mill-Presidenza u l-Kummissjoni

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza u l-Kummissjoni dwar is-Summit tas-Sħab Soċjali f'Val Duchesse.

- d) **Summit Soċjali Tripartitiku**  7049/24
Informazzjoni mill-Presidenza u l-Kummissjoni

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza u l-Kummissjoni dwar is-Summit Soċjali Tripartitiku tal-20 ta' Marzu 2024.

- e) **Inizjattivi tal-Kummissjoni li ġejjin**  7048/24
Informazzjoni mill-Kummissjoni

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni dwar l-inizjattivi tal-Kummissjoni li ġejjin.

- f) **Ittra dwar il-ħtieġa li ssir aktar enfasi fuq l-avvanz tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-istabbiliment ta' valuri ta' limitu għas-sustanzi fuq il-post tax-xogħol**  7047/24
Informazzjoni mid-delegazzjoni Daniża

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mid-delegazzjoni Daniża dwar Ittra dwar il-ħtieġa li ssir aktar enfasi fuq l-avvanz tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-istabbiliment ta' valuri ta' limitu għas-sustanzi fuq il-post tax-xogħol.

- g) **Kumitat tal-Impjiegi u Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali - programmi ta' ħidma għall-2024**  6201/24
6927/24
Informazzjoni mill-Presidenzi rispettivi

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenti tal-Kumitati tal-Impjiegi u tal-Protezzjoni Soċjali dwar il-programmi ta' ħidma tal-kumitati għall-2024, kif tinsab fid-dokumenti imsemmija hawn fuq.

- h) **Proposti leġislattivi attwali (Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)**



- (i) **Direttiva li tistabbilixxi l-Kard Ewropea tad-Diżabilità u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità** 12755/23 + ADD 1
- (ii) **Direttiva li testendi d-Direttiva li tistabbilixxi l-Kard Ewropea tad-Diżabilità u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità għal ċittadini ta' pajjiżi terzi** 15003/23
Informazzjoni mill-Presidenza

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza dwar l-istat attwali tad-Direttivi msemmija hawn fuq.

- b) **(segwitu) Avvenimenti tal-Preidenza**
(ii) **Konferenzi ta' livell għoli**
Informazzjoni mill-Preidenza

6999/24

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Preidenza dwar l-avvenimenti tal-Preidenza.

-
- ❶ L-ewwel qari
- ❷ Dibattitu pubbliku propost mill-Preidenza (Artikolu 8(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill)
- C Punt ibbażat fuq proposta tal-Kummissjoni
-

Dikjarazzjonijiet għall-punti "B" li jinsabu fid-dokument 7159/24

Dwar il-punt "B"
nru 3:

Direttiva dwar it-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol fix-xogħol fuq il-pjattaformi
Analiżi tat-test ta' kompromess finali bil-ħsieb ta' qbil

DIKJARAZZJONI MILL-AWSTRIJA

"L-Awstrija tappoġġa l-oġettiv tad-Direttiva dwar it-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol fix-xogħol fuq il-pjattaformi fl-Unjoni Ewropea. Madankollu, il-karatteristiċi eteroġeni tas-swieq tax-xogħol nazzjonali u, f'dan il-każ, l-ekonomija tal-pjattaformi, iridu jitqiesu fl-azzjonijiet korrispondenti tal-UE.

Kif stipulat fil-Premessa 18, din id-Direttiva għandha tapplika għall-persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi fl-Unjoni li għandhom, jew li, abbażi ta' valutazzjoni tal-fatti, jitqiesu li għandhom, kuntratt ta' impjieg jew relazzjoni ta' impjieg kif definit mil-liġi, mill-ftehimiet kollettivi jew mill-prattika fis-seħħ f'kull Stat Membru, b'kont meħud tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja.

Fl-Awstrija, hemm it-tielet kategorija ta' impjieg fil-livell nazzjonali msejja *Freie Dienstnehmer*. Għalhekk, jekk dan l-istatus intermedju jkun l-istatus fl-impjieg korrett skont il-liġi Awstrijaka, għandhom japplikaw id-drittijiet u l-obbligi skont dak l-istatus.

F'dan il-kuntest, l-Awstrija tenfasizza li l-liġi Awstrijaka, il-ftehimiet kollettivi jew il-prattika fir-rigward tal-istatus intermedju tal-*Freie Dienstnehmer* bl-ebda mod mhuma affettwati minn din id-Direttiva."

DIKJARAZZJONI MINN SPANJA

"Il-Gvern Spanjol ivvota favur l-approvazzjoni tal-ftehim proviżorju li ntlaħaq fit-trilogu tat-8 ta' Frar 2024 bejn il-Presidenza Belġjana tal-Kunsill u l-Parlament Ewropew dwar il-proposta għal Direttiva biex jittejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol fix-xogħol fuq il-pjattaformi.

Il-vot tagħna kien eżerċizzju fir-responsabbiltà peress li maġġoranza kbira tal-Istati Membri, il-gruppi politiċi fil-Parlament Ewropew u t-trade unions Ewropej appoġġaw il-ftehim proviżorju.

Madankollu, nixtiequ niġbdu l-attenzjoni għall-fatt li hemm xi dispożizzjonijiet fit-test maqbul li ma jikkorrispondux bis-sħiħ ma' dak li nifhmu li kellu jiġi inkluż f'din id-Direttiva.

Naqblu mal-kontenut tal-Kapitolu III dwar il-ġestjoni algoritmika, li nżamm mill-formulazzjoni maqbula mill-Presidenza Spanjola u l-Parlament Ewropew f'Diċembru 2023 u li jfisser pass kbir 'il quddiem fid-drittijiet tal-ħaddiema u r-rappreżentanti tagħhom flimkien ma' aktar trasparenza fil-pjattaformi diġitali.

Madankollu, aħna nemmnu li t-test jistabbilixxi preżunzjoni ta' impjieg dgħajfa u mhux ambizzjuża, li hija l-element ċentrali tad-Direttiva, u li hija l-oppost ta' dak li kienet tappoġġa d-delegazzjoni Spanjola sa mill-bidu tan-negozjati dwar din il-proposta għal Direttiva aktar minn sentejn ilu.

Il-ftehim proviżorju li ntlaħaq f'Diċembru matul it-trilogi taħt il-Presidenza Spanjola stabbilixxa preżunzjoni aktar b'saħħitha bi kriterji ta' impjieg u limitu komuni madwar l-UE f'konformità mal-każistika tal-QĠUE. Fl-aħħar mill-aħħar kien jinkludi rispett akbar għad-drittijiet tal-ħaddiema u kien aktar utli biex jiġi żgurat li l-impjieg tagħhom jiġi kklassifikat b'mod korrett.

Min-naħa l-oħra, peress li ma fih l-ebda kriterju ta' impjieg jew limitu għall-validazzjoni tal-valutazzjoni ta' jekk il-pjattaforma hijiex qed tidderieġi u tikkontrolla x-xogħol, u din il-valutazzjoni titħalla għal-leġiżlazzjoni nazzjonali, il-ftehim proviżorju l-ġdid jiftaħ il-bieb għal preżunzjoni *à la carte* li mhijiex neċessarjament l-istess madwar l-Istati Membri, u li tista' ma tgħinx biex jiġu kklassifikati b'mod korrett il-miljuni ta' ħaddiema b'impjieg indipendenti falz fl-UE.

Mhux talli ma tilħaqx konverġenza soċjali 'l fuq u tistabbilixxi xi dispożizzjonijiet minimi kondiviżi, iżda jistgħu jibqgħu s-sitwazzjoni negattiva u l-prekarjetà li għandhom jiġu kkoreġuti mid-Direttiva.

Id-delegazzjoni Spanjola tittama li l-leġiżlazzjonijiet nazzjonali li jittrasponu d-Direttiva u r-rwol superviżorju tal-Kummissjoni jipprevjenu li dan ir-riskju jimmaterjalizza sabiex l-impjieg tal-ħaddiema tal-pjattaformi jiġi kklassifikat b'mod korrett u d-drittijiet u l-protezzjoni soċjali tagħhom jiġu rrispettati."

Dwar il-punt "B" 4 **Konklużjonijiet dwar l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabir Sostenibbli u**
b): **r-Rapport Konġunt dwar l-Impjieg għall-2024**
 Approvazzjoni

DIKJARAZZJONI MILL-UNGHERIJA

"Naċċettaw is-sejbiet tar-Rapport Konġunt dwar l-Impjieg kif ukoll tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabir Sostenibbli u r-Rapport Konġunt dwar l-Impjieg għall-2024. Madanakollu, l-Ungerija għandha tħassib dwar ir-referenzi għall-hekk imsejjaħ Qafas ta' Konverġenza Soċjali fir-Rapport peress li ma ttehdet l-ebda deċiżjoni fil-livell politiku jew dak espert dwar l-użu tiegħu u lanqas il-metodoloġija tiegħu ma ġiet iffinalizzata.

Sfortunatament aħna rrikonoxxejna li r-Rapport Konġunt dwar l-Impjieg għall-2024 japplika l-Qafas ta' Konverġenza Soċjali u jinkludi analiżi aktar speċifika għall-pajjiż ibbażata fuq il-karatteristiċi tal-Qafas ta' Konverġenza Soċjali. Intennu li l-applikazzjoni tal-Qafas ta' Konverġenza Soċjali fl-2024 għandha titqies bħala proġett pilota, kif stabbilit fil-Messaġġi Ewlenin tar-Rapport Konġunt dwar l-Impjieg kif ukoll fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill. Nissottolinjaw ukoll li wara li jitlesta l-proċess pilota, l-użu tal-karatteristiċi tal-Qafas ta' Konverġenza Soċjali għandu jiġi analizzat bir-reqqa, b'mod partikolari l-impatt tiegħu, il-valur miżjud u l-piż amministrattiv."